MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Numru. 1162/2006

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Andre' Francois Buhagiar, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-13 ta' lulju, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' ottubru, 2006 għal ħabta tas-7.30 a.m. ġewwa l-Għargħur volontarjament ħassar, ħamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza bl-isem 'Mandchan', Triq l-Isqof Gargallo, Għargħur liema ħsara hi ta' aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta' Carmela Cini;
2. talli fl-istess data, ħin, lo u ċirkostanżi kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, fil-

konfront ta’ Carmela Cini li kien impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b’sentenza tal-15 ta’ novembru, 2005;
3. talli sar reċidiv, wara li nstab ħati b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell, fl-14 ta’ marzu, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Carmela Cini u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi rpoċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ jannar, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni huma ta’ mija u għoxrin lira maltin (Lm120).

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ jannar, 2007 fejn l-imputat ħallas id-danni li hu għamel fl-ammont ta’ mija u għoxrin lira maltin (Lm120).

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ jannar, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(1)(b), 383, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn lira maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------